# Inno con Canto di Voce Puerile (I)




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: L-'Inno con Canto di Voce Puerile' hu t-titlu oriġinali tal-'Innu lill-Madonna tal-Karmnu' kompost mis-surmast Emmanuele Bartoli fl-24 ta' Mejju 1877. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija dal-Innu kien ġie arranġat għal kumpless aktar modern fuq il-mudell tal-banda beltija minn Mro. Francesco Bugeja. Maż-Żrieraq Karmlitani dal-Innu hu komunement magħruf bħala l-Innu kbir 'Warda Sbejħa tal-Karmelu', versi ta' Dun Frans Camilleri li kien kostrett jiktbu għall-mużika li diġà kellha l-versi tagħha bit-Taljan ta' Ġużè Muscat Azzopardi. Il-partitura oriġinali tal-Innu tinsab merfugħa b'għożża kbira fl-arkivju tas-Soċjetà. L-għan ta' dal-artiklu hu biex juri l-valur storiko-mużikali tiegħu. B'hekk ikun aktar apprezzat mill-qarrejja u s-semmiegħa li ta' kull sena jassistu bi ħġarhom għad-daqq tiegħu fil-festa waqt li l-vara artistika u devota tal-Madonna tal-Karmnu tal-1842, maħduma b'ħila kbira u tal-għaġeb mill-iskultur Salvu Psaila (1798-1871), tkun biswit il-planċier. Nieħu dil-okkażjoni biex nirringrazzja lil Mro. Mauro Farrugia, arkivista u assistant-surmast tas-Soċjetà, tat-tagħrif u materjal li għoġbu jgħaddili biex stajt ninseġ dal-artiklu.

Kliem muftieħ: Innu Tifħir, Innu di Gloria, Innu Kbir, Żurrieq, Innu lill-Madonna tal-Karmnu, Innu 'Warda Sbejħa tal-Karmelu', Inno a Pio IX, Inno con Canto di Voci Puerile, Mro. Emmanuele Bartoli, Mro. Francesco Bugeja, Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Frans Camilleri, Dun Anton Xiberras, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria (Żurrieq).



Frontispizju tal-partitura 'Inno con Canto di Voce Puerile

Definizzjoni ta' Innu Kbir: F'wieħed mill-ħafn' artikli tiegħi li jitrattaw l-innijiet kont ktibt hekk fuq l-'Innu Tifħir lil San Ġużepp' ta' Mro. Willie Attard (1899-1970)[1]: "Bħala ġeneru, *Inno di Gloria* jew *Innu Tifħir,* jonkella sempliċiment *Innu l-Kbir* huwa bħal Kantata f'repertorju klassiku u li jikkonsisti f'xogħol mużikali, aktarx b'tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-Qaddis/a li għalih/a ssirlu jew issirilha l-festa. Xogħol bħalm' hu dan aktarx jinkiteb għal vuċijiet solisti fi stil operistiku hekk imsejjaħ *bel canto* peress li fih il-kant ikun tabilħaqq floridu. Dawn ikunu mseħbin minn *voce puerile* magħmul minn kor tat-tfal bniet u subien (ġieli anki kbar), imma li aktarx ikantaw fl-unisonu[2] u qajla jingħataw partijiet mużikali differenti. Peress li, Innu *di Gloria* jindaqq barra fuq planċier u mhux ġewwa knisja, jiġi eżegwit minn banda armata għall-okkażjoni.

"Innu *di Gloria* jkun imħawwar tajjeb b'passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta' arji[3], dwetti[4], saħansitra terzetti[5], min-naħa tal-vuċijiet solisti. Ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi[6]

[1] Sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970): Innu Tifħir lil San Ġużepp – fl-agunija u l-glorja. Programm tal-festa ta' San Ġużepp tal-Ħamrun, 2015 p. 23-7.
[2] Daqq jew kant minn strumenti jew vuċijiet differenti imma li jaqblu fil-leħen, fit-ton, u fl-istess noti mużikali.
[3] Silta minn opra, oratorju jew xogħol vokali ieħor li titkanta minn kantant solista.
[4] Silta mużikali li titkanta minn żewġ vuċijiet jew strumenti.
[5] Silta mużikali għal tliet vuċijiet jew strumenti.

fuq xi strument jew ieħor u fanfarri[7] li jannunzjaw il-miġja ta' xi waqt importanti. Xogħol bħalma hu dan ikun jirrikjedi tip ta' melodija li, bil-ksur u l-ħlewwa tagħha, tagħraf tpaxxi 'l-widna, armonija mħaddma b'tali mod li tista' toffri tiżwiq mhux tas-soltu f'dawk li huma akkordji[8], u orkestrazzjoni rikka biex tgħin lix-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt[9] u għodod mużikali oħra ma jonqsux f'xogħol bħalm' hu dan". Ma' dan nixtieq inżid ngħid li biex innu jikkwalifika bħala tali kwali jrid ikun fih għexieren ta' battuti mqassmin fi tliet jew erba' movimenti sħaħ b'għadd ta' taqsimiet ġo fihom, fejn it-tema ewlenija tirrepeti ruħha għal diversi drabi (din aktarx tkun kantata mis-solisti u l-kor għall-akkumpanjament ta' banda sħiħa, bil-qniepen b'kollox). Ħafn drabi wkoll, ikun fihom xi tip ta' motiv li ġeneralment ikun abbinat mas-suġġett li għalih jinkiteb l-innu.


Papa Piju IX (1792-1878)

L-isfond soċjo-storiku tal-Innu: Fiż-żmien li fih inkiteb dal-Innu fl-1877 kienu seħħew ġrajjiet ta' portata inter/nazzjonali li setgħu kellhom konnessjoni ma' xulxin, u li meta tqegħidhom flimkien issib li kienu l-motiv ewlieni wara dan kollu. Ibda biex tajjeb ngħidu li għall-bidu l-Innu kien iġib l-isem ta' 'Inno a Pio Nono', bil-versi tiegħu jitrattaw d-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni kif iddikjarata minn dal-Papa fl-1854. Iżda fil-fehma modesta tiegħi, għal xi raġuni Mro. Bartoli kien kitbu fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-ħatra ta' Giovanni Maria Mastai-Ferretti bħala Arċisqof ta' Spoleta proprju fil-21 ta' Mejju 1827 fl-età pjuttost żagħżugħa ta' 35 sena. Dal-Arċisqof twieled minn familja nobbli fir-raħal marittmu ta' Senigallia, provinċja t'Ancona fir-reġjun ta' Le Marche fit-13 ta' Mejju 1792. Ġie elett Papa bl-isem ta' Piju IX fil-21 ta' Ġunju tal-1846. Ftit anqas minn sena wara li Mro. Bartoli kkompona dal-Innu, l-istess Papa miet fl-età ta' 86 li ġrat fis-7 ta' Frar 1878. Dal-Papa Marjan kien ukoll il-fundatur tad-Djoċesi Għawdxija fl-1864. Hu ġie bbeatifikat flimkien mal-Papa Ġwanni XXIII fit-3 ta' Settembru tas-sena 2000 minn idejn il-Papa Ġwann Pawlu II. Il-festa tal-Beatu Papa Piju IX tiġi ċċelebrata proprju f'għeluq mewtu.




F'Malta wkoll, minn żmien għall-ieħor kienu jiġu ċċelebrati tip ta' festi speċjali fuq skala nazzjonali, fosthom l-Inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu. Dal-kwadru bil-pittura t'artist mhux magħruf jinsab meqjum fil-Knisja tal-Karmlitani il-Belt Valletta u li bħalu qatt ma kien ġie inkurunat qabel f'Malta. U peress li dix-xbieha qadima hi magħrufa għall-qima speċjali u għall-grazzji li jinqalgħu permezz tagħha kienet ġiet inkurunata fil-15 ta' Lulju tal-1881 mill-Arċisqof Monsinjur Konti Karmelu Scicluna (1800-88), imwieled Ħal Qormi. Għal dil-okkażjoni solenni bla dubju ta' xejn kienet ħadet sehem il-banda 'La Valette' taħt il-bakketta ta' Mro. Bartoli. Infatti, is-sehem tagħha f'dil-festa imur lura sal-1875 meta hi ħarġet iddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Belt Valletta.

Waqt li kont għaddej b'waħda mill-ħafna riċerki tiegħi fl-Arkivju tal-Parroċċa tan-Naxxar (arkivista: Pawlu Catania), f'wieħed mill-għaddijiet tad-'Djarju tan-Naxxar', li tiegħu Dun Anton Xiberras (1922-2006) kien editur, ġie f'idejja artiklu minn ta' dal-qassis-poeta Naxxari li jġib l-isem ta' 'Innu Popolari lir-Reġina tal-Karmelu'. Minn dal-artiklu nsiru nafu li l-versi bit-Taljan ta' dal-Innu kien kitibhom ċertu Mons. Fortunat Debono

---

[6] Jikkonsisti f'passaġġ vokali jew strumentali li juri l-ħila teknika ta' kantant/a jew strumentalist.
[7] Biċċa mużika qasira li tindaqq bil-qawwi, u li normalment jdoqquha t-trumbetti f'xi parata militari.
[8] Għadd ta' noti li flimkien jagħmlu armonija.
[9] Għaqda ta' żewġ melodiji jew aktar b'figuri ta' noti differenti li meta tqegħidhom flimkien dawn jagħmlu sens mużikali.

min-Naxxar. Aktar minn hekk, insiru nafu wkoll li dan kien ġie 'mużikat u kantat il-Belt f'Misraħ San Ġorġ, 16 ta' Ġunju, 1881'. F'dal-artiklu nsibu wkoll il-qlib tal-versi għall-Malti minn Dun Xiberras, liema traduzzjoni saret fit-12 ta' Lulju 1951 fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji tal-Madonna tad-Duttrina fin-Naxxar (1851-1951). L-Innu fih seba' strofi, b'ħames kwartini dekasillabi mbejna b'żewġ sestini ottonarji. Iżda dwar dan ikollna ċans nitkellmu f'xi artiklu ieħor.

Min-Naxxar nerġgħu mmorru l-Belt, fejn il-Kanonku John Ciarlò, fil-ktieb storiku tiegħu tal-ewwel mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette', jgħarrafna li fl-14 ta' Lulju tal-1880 kien sar kunċert f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu fit-Teatru Manoel, u li fih indaqq l-Innu f'ġieħHa, kliem tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi u mużika tas-Surmast Bartoli. L-awtur jgħidilna wkoll li dil-kompożizzjoni xehdet il-ħila mużikali artistika tal-kompożitur. Ciarlò jirrakkonta wkoll kif f'dil-okkażjoni Mro. Bartoli kien ingħata diversi rigali, fosthom arloġġ tad-deheb mill-allievi u d-dilettanti ta' 'La Valette' bħala ringrazzjament. Hawnhekk, wieħed bla ma jrid jistaqsi jekk dal-Innu hux l-istess wieħed li qegħdin nitkellmu fuqu f'dal-artiklu.[10]


Kavalier Ġuże' Muscat-Azzopardi (1853-1927), missier il-letteratura Maltija

Profil tal-poeta tal-versi tal-Innu: Il-versi bit-Taljan tal-'Inno con Canto di Voce Puerile' huma tal-Kavalier[11] Ġużeppi (Ġużè) Muscat-Azzopardi, imwieled f'Ħal Qormi fl-1 ta' Settembru 1853 minn Franġisku Muscat u Generosa Azzopardi. F'żgħuritu xtaq jilħaq qassis u fl-1864 daħal is-Seminarju fejn dam sena biss. Minflok sar prokuratur legali f'Ottubru 1876 u kien magħruf bil-laqam t'"Avukat tal-Marsa" mal-Marsin stess. Mat-twaqqif tal-ewwel Kumitat fi ħdan is-Soċjetà Beltija fl-5 ta' Ġunju 1877 kien ġie elett bħala Viċi-president, filwaqt li s-surmast Bartoli kien ġie elett jum qabel bħala wieħed mis-seba' rappreżentanti tal-Filarmonika. Wieħed jinnota li did-data hi l-istess waħda ta' meta nkiteb l-Innu. Bla dubju ta' xejn, Muscat Azzopardi u Bartoli mhux biss kienu jattendu l-istess Każin imma kienu wkoll midħla sew ta' xulxin meta kienu għadhom żgħażagħ tampar xulxin. Muscat Azzopardi kien jokkupa diversi karigi oħrajn, fosthom fi ħdan l-Banda 'Pinto' ta' raħal twelidu, tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li tagħha kien wieħed mill-fundaturi u l-ewwel president, tal-Unjoni Kattolika S. Ġużepp, kif ukoll tal-kamra tal-Prokuraturi Legali. Fl-1887 iżżewweġ lil Tonina Fenech, Bormliża, u minnha kellu sebat itfal. Tnejn minn uliedu, Ivo u Gino ħarġu kittieba bħal missierhom. Kien involut ukoll fil-pulitka bla suċċess. Kiseb suċċessi kbar bħala l-awtur ta' bosta poeżiji u proża li kiteb bit-Taljan u bil-Malti, li tiegħu kien pijunier fi żmien meta lsien pajjiżu kien miżmum b'wieħed fqajjar u bla fejda. Fost dax-xogħlijiet insemmu biss il-librett teatrali 'Simonetta'[12], immużikat minn Mro. Bartoli, u r-rumanz 'Susanna' li fuqu l-Imħallef Mikelanġ Refalo ħadem il-librett għall-opra 'Frazir' għall-mużika ta' Pawlin Vassallo. Jingħad li l-aħjar żmien ta' kitbietu kien bejn is-snin 1901-10. Kien ukoll involut fil-qasam ġurnalistiku bħala kritiku tat-teatru u dak kulturali bħala membru ewlieni tal-Ġunta teatrali. Mhux ta' b'xejn għalhekk li Muscat Azzopardi jissejjaħ missier il-letteratura Maltija. Miet fl-4 t'Awwissu 1927 fl-età ta' kważi 74 sena.

It-test bit-Taljan tal-Innu ta' Muscat Azzopardi jinsab mniżżel fil-partitura ta' Bartoli taħt fejn hemm il-vuċijiet. Madankollu, fl-arkivju tas-Soċjetà Karmlitana jeżistu wkoll xi partijiet vokali b'testi differenti li juru biċ-ċar li l-istess mużika, speċjalment l-*Andante*, kienet tintuża għal

[10] Farrugia hu tal-istess fehma tant li fl-imejl tiegħu tat-23 t'April 2018 jgħid li dan hu l-istess Innu ta' Bartoli li ndaqq dakinhar mill-Banda msemmija fl-okkażjoni tal-festa tal-Karmnu.

[11] It-titlu ta' Kavalier *Pro Ecclesia et Pontifice* kien ingħatalu mill-Papa Piju X fl-1905 għall-ħidma tiegħu fil-qasam reliġjuż.

[12] Imsejsa fuq il-ħajja ta' Francesco Simonetta (1410-80), politiku magħruf u ta' ħila Taljan taż-żmien ir-Rinaxximent li safa vittma tal-għira ta' Ludovico Maria Sforza (1452-1508). (JVB)

okkażjonijiet differenti. Fost dawn insibu waħda għall-Baxx li fuqha fil-paġna ta' quddiem hemm imniżżel '*A Maria di Lesse*' li turi biċ-ċar li dal-Innu kien jindaqq għal dil-festa tal-Madonna li ġġib l-istess isem.[13] F'paġni oħra tal-istess parti nsibu mniżżel it-test ta' '*A Maria Della Consolazione*'. Iżda dwar dan nitkellmu aħjar meta niġu biex niddiskutu l-kontenut ta' dal-partijiet.



Mro. Emm. Bartoli (1852-1933)

Profil tal-kompożitur tal-Innu: Skont Robert Mifsud Bonnici, fil-ktieb tiegħu *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u Tal-Lum* (1951), Emmanuel twieled l-Imdina[14] fit-13 ta' Frar 1852[15] minn Wiġi Bartoli u Ċensa Zerafa. Studja l-armonija u l-pjanu għand il-patri Agostinjan Giuseppi Spiteri Fremond (1804-78), u l-vjolin għand Ġużeppi Micallef. Skont Rolandi wkoll, kien joqgħod '*nel Convento di San Agostino in Valletta*'. Ta' 19-il sena kien idderieġa l-orkestra f'quddiesa solenni mill-pinna tiegħu stess f'Ħal Qormi. Sena wara laħaq surmast tal-banda 'Pinto (Ħal Qormi) u aktar tard tal-'L'Isle Adam' (Rabat). Bejn l-1877-84 kien surmast tal-banda 'La Valette', it-tieni wieħed wara Mro. Luigi Carabott. Fl-1923 insibuh jidderieġi lill-banda 'Leone' t'Għawdex fl-assenza tas-surmast sakemm inħatar Mro. Giovanni Giumarra minflok Mro. Orlando Crescimanno. Fl-istess żmien kien ukoll aġent surmast tal-banda 'La Stella' t'Għawdex. Kiteb ħafna xogħlijiet sagri u profani, u diversi arranġamenti operistiċi għall-banda. Fost l-ewwel xogħlijiet tiegħu nsibu *Amore* li ndaqqet fit-Teatru Rjal fit-13 ta' Frar 1873.[16] Bartoli qatt ma tbiegħed minn art twelidu ħlief għal darba biss meta mar Londra biex qagħad għal eżami u kiseb il-post ta' *Bandmaster* fir-riġment tar-*Royal Malta Artillery*[17] flok Mro. Domenico Amore li kien ħareġ bil-pensjoni. Għal żmien twil kien ukoll *Maestro di Coro* u *Maestro Concertatore* tat-Teatru Rjal fejn kemm-il darba ntalab jidderieġi xi opra mingħajr provi qabel. Wara li spiċċa mis-servizz, Bartoli taha għall-kant fil-knejjes bħala Tenur u kien jagħti l-għajnuna tiegħu lill-*maestri di cappella* fil-qadi tas-servizzi tagħhom, u anke lill-kantanti, u kien saħansitra jidderieġi servizzi sħaħ. Jingħad li bħala karattru kien bniedem umli, kwiet, paċenzjuż u kalm. Kien miżżewweġ u kellu iben li jġib ismu, li mbagħad laħaq maġistrat. Miet fit-2 t'April 1933.[18]

It-tabella t'hawn taħt hija linja ta' żmien li turi xi dati importanti fil-ħajja ta' Mro. Bartoli u ta' xi xogħlijiet tiegħu li s'issa irnexxieli niġbor. Fost dawn RMB isemmi wkoll 'The King's Banner' (*Sinfonia Gradiosa*) li mhix inkluża fil-lista għax m'għandix data ta' meta nkitbet. Żewġ xogħlijiet oħra bla data huma: *Vittoria Melita* (Polka) u *Overture I*. Rigward id-dati, is-sena hija mniżżla l-ewwel, segwita mix-xahar, imbagħad il-ġurnata. Fit-tieni kolonna niżżilt tagħrif li jirrigwardja ismijiet ta' xogħlijiet, tip ta' karigi u xogħol, servizzi offruti u x'naf jien, kif ukoll id-dati tat-twelid u l-mewt tiegħu, filwaqt li fit-tielet waħda l-ġeneru tagħhom. Fir-raba' kolonna indikajt il-post fejn dawn setgħu ndaqqew għall-ewwel darba, x'kienet l-okkażjoni, eċċ.:

Tabella nru 1: **Linja ta' żmien**

| Data | Isem tax-xogħol / karigi / servizzi eċċ. | Ġeneru | Post |
|---|---|---|---|
| | | | |

[13] Il-knisja żgħira u ħelwa tal-Madonna ta' Liesse, li bil-Malti tfisser ferriħija, ġubilanti u x'naf jien, tinsab fil-bidu ta' Triq il-Barriera, fix-xatt tal-Belt. Din kienet inbniet fl-1740. Dat-titlu kienu tahulha l-Kavalieri Franċiżi b'qima lejn dil-Madonna li ħadet isimha minn Belt fi Franza. Id-devozzjoni lejha trawmet minn xi leġġenda antika.

[14] Dr. Ulderico Rolandi (1874-1951) fil-monografija tiegħu *Musica e Musicisti in Malta: Saggio* (Livorno, 1932) jgħid li twieled *Casal Curmi*.

[15] Skont Rolandi, Bartoli twieled sena wara. Ciarlò jaqbel ma' RMB. Ngħid għalija naqbel ma' dawn tal-aħħar.

[16] L-ewwel biċċa xogħol tiegħu kienet *scena di aria* 'Amore'. Tkantat fit-Teatru Rjal mis-Sopran Emilia Ciuti, fit-13 ta' Frar 1872, meta Manwel kien għadu żagħżugħ ta' 20 sena. Dan ifisser li, dil-mużika ndaqqet f'għeluq sninu.

[17] *Regia Artiglieria maltese* (Rolandi).

[18] RMB jgħid li miet fl-1932.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1852.2.13 | Twieled Ħal-Qormi | | |
| | Armonija / Pjanu taħt Ġ. Spiteri Fremond[19]<br>Vjolin taħt Ġ. Micallef | | |
| 1871 | Quddiesa Solenni | | Ħal Qormi |
| 1871 | Marcia Funebre[20] | | |
| 1872-77 | Surmast Banda 'Pinto' | | Ħal Qormi |
| 1872.2.13[21] | Amore[22] | Scena ed Aria | Teatru Rjal |
| 1872 | Serata Teatrali (Teatru Alba) | | Isla |
| 1873 | Serata Teatrali (Teatru Vittoria) | | Sliema |
| 1873 | Festa San Ġorġ | | Ħal Qormi |
| 1875 | La Brillante[23] | Sinfonia | |
| 1875 | Simonetta[24] | Opra f'2 Atti | |
| 1875.7.16 | La Sengle[25] | Valzer | |
| 1876-79 | Surmast 'L'Isle Adam' | | Rabat |
| 1877-84 | Surmast 'La Valette' | | Valletta |
| 1878 | Innu f'ġieħ San Pawl[26] | | Teatru Manoel |
| 1879-87[27] | Mro. del Coro[28] u surmast konċertatur[29] tal-kor | | Teatru Rjal |
| 1879.10.21 | Il Guarany[30] | Opra | Teatru Rjal |
| 1880.01.16 | I Cavalieri di Malta[31] | Opra | Teatru Rjal |
| 1882 Aww. | Les Braves Combattants | Sinfonia | Teatru Rjal |
| 1883 → | Serva bħala Tenur fil-Katidral tal-Imdina<br>u l-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt | | |
| 1884 Lul. | Surmast R.M.A.[32] | | |
| 1886 | Leone[33] | Galopp | |
| 1899 | L'Eco della Preghiera | Gran Corale | |
| 1902 | Fausta Ricordanza | Intermezzo | Ġublew tal-Isqof |
| 1904 | Remembrance | Melodija | |
| 1912-15 | Soċjetà Orkestrale Sta. Cecilia Kofundatur | | |
| 1915 | Messa in Onore del SS. Nome di Gesù | Mużika sagra | |
| 1918 | Messa S. Giuseppe a due Voci e Organo | Mużika sagra | |
| 1919 | Giorno Festivo (għall-banda) | Capriccio | |

[19] Skont R.M.B. Bartoli tgħallem kollox għand l-Agostinjan Ġużeppi Spiteri Fremond, inkluż ukoll l-orgni, il-kant u l-kuntrapunt.
[20] Arkivju Banda 'Leone'. (Grech, p. 32)
[21] Rolandi wkoll jaqbel ma' dit-data. Skont Vella Bondin id-data kienet 23.2.1872.
[22] Din kienet kantata mis-Sopran Emilia Ciuti. Jidher li s-serata ttellgħet fl-okkażjoni t'għeluq l-20 sena ħajja ta' Bartoli.
[23] Arkivju Banda 'La Stella' Għawdex. Din aktarx kienet għall-orkestra u sarilha arranġament għall-banda.
[24] Librett teatrali ta' Ġużè Muscat Azzopardi. Dil-opra spiċċat biex qatt ma ttellgħet. Skont RMB kienet tingħata preferenza lill-kompożituri barranin bħal Vincenzo Moscuzza (1827-96) u oħrajn.
[25] Indaqq f'programm mill-Banda 'La Valette' fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. (Ciarlò, p. 14)
[26] Ciarlò, p. 27.
[27] Dal-post kien safa battal wara l-mewt ta' Mro. Felice Leonardis li kien ilu jokkupah sa mill-1842 bħala għalliem tal-kant. Leonardis kien miet f'Malta fis-sajf tal-1879.
[28] Surmast reponsabbli biex jgħallem il-partijiet lill-kor.
[29] Surmast inkarigat biex jieħu ħsieb il-provi u jgħallem il-partituri.
[30] Il-banda 'La Valette' ħadet sehem fl-opra ta' Antônio Carlos Gomes billi daqqet fl-ewwel xena tat-tielet att li fiha jkun hemm festa ċċelebrata mill-Indjani. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Bartoli.
[31] Mro. Bartoli kien responsabbli mill-kori fil-produzzjoni tal-opra fi tlitt atti t'Antonio Nani. F'waħda mid-disa' rappreżentazzjonijiet li saru tagħha Mro. Bartoli kien ippreżenta tazza tal-fidda lill-kompożitur f'isem is-Soċjetà Mużikali Beltija. (A. G. Miceli)
[32] L-applikazzjoni għal *Bandmaster* kienet saret fuq rakkommandazzjoni tal-Kurunell M. Portelli. Mro. Bartolo baqa' f'dil-kariga sa ma ħareġ bil-pensjoni. (Ciarlò, p. 32)
[33] Indaqq waqt programm fil-festa ta' Sta. Marija, Għawdex fit-13.8.1886. (Grech, p. 40)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1920.4.27 | Preludio No. 2[34] (għal orkestra) | Preludju | |
| 1921-24 | Surmast 'L'Isle Adam' | | Rabat |
| 1932.2.4 | Mewt[35] | | |

Għad li Mro. Bartoli qatt ma' dderieġa lill-Banda Żurriqija, nafu li min-naħa tagħha l-banda 'La Valette' kienet ilha sa mill-1900 tiġi mistiedna biex tagħti s-servizz tagħha fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.[36] Skont il-gazzetta di Malta tas-27 ta' Lulju ta' dik is-sena, il-Banda Beltija kienet ntlaqgħet b'merħba liema bħalha mal-wasla tagħha. Dakinhar kien ġie eżegwit programm mużikali dirett minn Mro. Gregorio Lucia. Minn hemm 'il quddiem nibtet ħbiberija bejn iż-żewġ soċjetajiet mużikali li biż-żmien iffjorixxiet. Infatti, minn riċerka li ntgħamlet matul dal-aħħar snin instab li Mro. Cardenio Botti kien intalab jikteb Innu espressament għall-Banda Karmlitana biex jindaqq waqt serata f'ġieħu f'Palazzo Armeria[37], iż-Żurrieq stess. Dal-kunċert kien sar taħt il-bakketta ta' Mro. Adeodato Gatt. Minn tagħrif li ntbagħatli dal-aħħar mill-arkivista Mro. Mauro Farrugia, u li ta' min joqgħod fuqu sewwa, dal-Innu bl-isem ta' *Fior del Carmelo* kien ġie ikkummissjonat proprju minn Dun Luret Zammit u Frangesko Bugeja. Dan hu msaħħaħ ukoll mill-fatt li fil-partitura hemm kitba awtografata li tgħid li dal-Innu kien ġie *"Composto espressamente per il Circolo Carmelitano e Filarmonica Queen Victoria"*.[38] Mhux biss, iżda b'sens ta' ħbiberija reċiproka kien ġie ffirmat ftehim bejn iż-żewġ baned imsemmija li bih il-Banda Beltija ngħatalha l-permess speċjali biex dal-Innu tkun tista' ddoqqu waqt servizzi mogħtija fiż-Żurrieq, kif ukoll nhar is-16 ta' Lulju fil-Belt Valletta.

Struttura tal-Innu: L-'*Inno con Canto di Voce Puerile*' fih erba' movimenti numerati mill-wieħed sal-ħamsa, u bir-raba' wieħed għal xi raġuni mhux magħrufa mħolli barra. Dan seta' ġara: għax forsi kienet deċiżjoni li ttieħdet mill-kompożitur stess meta ġie biex ibiddillu ismu minn 'Inno Pio Nono' u adattah għal wieħed iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu; forsi ra li r-raba' moviment ma jmurx aktar f'kuntest marjan; forsi Muscat Azzopardi sab xi diffikultajiet meta ġie biex jikkomponi l-versi fuq il-mużika eżistenti – kif ħafna poeti jafu, huwa ferm aktar diffiċli biex timxi magħha meta tiġi għall-kitba tal-versi. Wieħed ma jridx jinsa lanqas li qabel il-versi ta' Muscat Azzopardi, l-'Inno Pio Nono' kellu oħrajn t'awtur ieħor u li nassumi li kienu wkoll bl-istess lingwa. Wara kollox seta' kien hu stess li niseġ il-versi għall-Innu f'ġieħ il-Papa Piju IX.



Id-data awtografata tal-Innu

It-tabella t'hawn taħt turi wkoll kif dal-movimenti huma mqassmin u f'liema temp[39] iridu jiġu. Ħafna

[34] R.M.B. isemmi li għandu żewġ preludji. It-tieni wieħed kitbu Għawdex.
[35] Id-data tal-mewt hi skont R.M.B. iżda Ciarlò (p. 20), Vella Bondin (p. 627) u d-*Dictionary of Maltese Biografies* p. 182) kollha jgħidu li Bartoli miet fl-**1933**.
[36] B'koinċidenza, fi ktieb antik li kien nħareġ fl-1970 dwar ġrajjet il-Banda Karmlitana Żurriqija nsibu li f'din l-istess sena l-Banda msemmija diġà kienet iddoqq l-Innu ta' Mro. Bartoli taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmelo Zammit (1850-1919). Skont l-arkivista wkoll, fih kien jintuża l-kliem "Salve, Salve".
[37] Din kienet ir-residenza tal-Markiż Charles dei Marchesi Zimmermann li kien President tal-Banda Żurriqija li dak iż-żmien kien jisimha *Filarmonica del Zurrico*. L-istess Markiż kien President ukoll tal-Banda 'L'Isle Adam' tar-Rabat li magħha Mro. Bartoli kien iħabbat. Skont l-imejl ta' Farrugia, "wisq probabbli li l-konnessjoni mal-Innu saret mill-Markiż Zimmermann u mhux min-naħa ta' 'La Valette'".
[38] Il-fehma l-oħra li dal-Innu seta' ngħata mill-Banda Beltija kif espressa minn Ciarlò fil-ktieb tiegħu, p. 64 għandha għaldaqstant tiġi skartata.
[39] Il-kelma 'temp' fid-dizzjunarju mużikali Malti tista' tfisser żewġ affarijiet: (a) Sinjal tal-miżura, li jikkonsisti f'żewġ numri fuq xuxlin fil-bidu ta' biċċa mużika li juruna jekk din għandhiex tindaqq b'żewġ jew tliet taħbitiet kull battuta,

drabi, l-istess numri li jintużaw għal waqt il-provi jindikaw ukoll dat-taqsimiet fejn jiġu u għaldaqstant għażilt li nimxi magħhom. Dan-numri, li tqiegħdu fil-partitura mill-kompożitur stess, jgħinuh ħafna għal meta jiġi biex joħroġ il-partijiet għall-banda u l-vuċijiet billi jgħodd kemm hemm battuti f'kull taqsima, u meta jkun hemm xi żball kemm jirreferi għalihom. Iservu tajjeb ħafna wkoll għal waqt il-provi biex ma jintelifx ħin bla bżonn. Wieħed jinnota wkoll, li għalkemm l-erba' movimenti għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess ammont ta' taqsimiet, dan ma jfissirx li jtulu l-istess ħin meta jindaqqu. Dan għaliex in-nri 1 u 5 għandhom immarkat *Allegro Brillante*, filwaqt li nri 2 u 3 għandhom immarkat *Andante* u *Andante Mosso* rispettivament, li jfisser li dawn tal-aħħar iridu jindaqqu ħafn' aktar bil-mod mill-oħrajn. U filwaqt li nru 3 hija deskritta mill-kompożitur bħala *preghiera*, nru. 5 tista' titqies bħala rikapitulazzjoni peress li tieħu ħafna mill-ewwel moviment:

| Tabella nru 2: **Taqsim tal-'Inno con Canto di Voce Puerile'** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Moviment | | Battuti | Temp | | Moviment | | Battuti | Temp |
| | | | | | | | | |
| No. 1 | | 01-20 | *Allegro Brillante* | | No. 3 | | 191-211 | *Andante Mosso* |
| | 1 | 21-35 | | | | 11 | 212-227 | |
| | 2 | 36-52 | | | | 12 | 228-242 | |
| | 3 | 53-64 | | | | 13 | 243-257 | |
| | 4 | 65-74 | | | No. 5 | | 258-271 | *Allegro Brillante* |
| | | 75-80 | *Mosso Assai* | | | 14 | 272-292 | |
| No. 2 | | 81-91 | *Andante* | | | 15 | 293-312 | |
| | 5 | 92-111 | | | | 16 | 313-328 | *Mosso Assai* |
| | 6 | 112-125 | *Più Animato* | | | 17 | 329-336 | |
| | 7 | 126-145 | | | | | 337-364 | *Doppio* |
| | 8 | 146-160 | | | | | | |
| | 9 | 161-176 | | | | | | |
| | 10 | 177-190 | | | | | | |

Tabella nru. 3 tiġbor fiha lista sħiħa tal-istrumenti li għalihom inkiteb dal-Innu. Dawn ittieħdlu kważi kollha mill-ewwel paġna tal-partitura li fiha nsibuhom dejjem imniżżlin fin-naħa tax-xellug u f'ordni taħt xulxin. Fuq nett insibu l-istrumentini, li f'dal-każ jinkludu biss l-ottavini in Mi*b* (f'b. 229 l-ottavin sekond qed imniżżel bħala flauto 2[40]), u oħrajn tal-qasba. Dan għaliex id-daqq tal-melodija prinċipali aktarx tkun fdata lilhom. Magħhom iddeċieda li jqiegħed il-klarinetti baxxi[41] għax jiffurmaw parti mill-istess familja tal-klarini, imma wkoll biex jifridhom minn mal-fagotti. Ma' dawn wieħed irid iżid l-obwe, li għalkemm ismu mhux imniżżel hawnhekk, jidher li għandu xi solo f'battuti 22-28.

Taħthom eżatt jiġu l-kurunetti primi u sekondi għax dawn ukoll iħobbu jdoqqu passaġġi melodjużi ottava taħt il-klarini. Mal-istess grupp qiegħed ukoll strumenti li jmorru flimkien, speċjalment it-tliet korni u ż-żewġ fagotti li għandhom mill-istess leħen pastorali. Dawn għandhom ħila kbira biex joffru twapet sħaħ u twal fejn tidħol l-armonija. Taħt dal-grupp insibu lit-tliet trumbuni tenuri bħala strumenti tar-ram li wkoll iħobbu jagħmlu l-istess xogħol t'akkumpanjament.

Rigward vuċijiet, Mro. Bartoli niżżel biss *Canto Primo* u *Canto Secondo* bla ma qagħad jidħol fid-dettall x'tip huma. Dwar dan nitkellmu dalwaqt. Fiż-żewġ pentagrammi ta' taħthom insibu l-

---

jonkella l-multiplu tagħhom; (b) Il-mod ta' trid tindaqq biċċa mużika permezz tal-użu ta' ċertu kliem, ħafna drabi bit-Taljan, li jirregolaw il-ġiri tagħha.

[40] Fil-partitura, l-ottavini jibqgħu jidhru bħala flauti. Ara battuti 234 u 249.

[41] Tajjeb ngħidu li l-banda 'La Valette' kienet mill-ewlenin li daħħlet dal-istrument. Skont aħbar li kienet dehret fil-ġurnal il-*Corriere Mercantile Maltese* tat-30 t'April 1875, kien hemm bandist li xtara wieħed minn butu minn Pariġi.

ewfonji (*bombardini*) u l-baxxi (*bombardoni*), b'din tal-aħħar jidħlu fiha wkoll l-istrumenti tal-perkussjoni. Rigward dawn tal-aħħar, fil-partitura niżżel biss id-daqq tat-tanbur peress li għandu solo importanti fil-bidu tal-ewwel u t-tielet moviment. Iżda jeżistu partijiet separati kemm għalih (*tamburro*) kif ukoll għall-katuba u l-pjatti. Nafu dan, għax għalkemm fuq din tal-aħħar niżżel biss *Gran Cassa*, xorta waħda niltaqgħu mal-kelma *tutti* biex mal-kolpi tal-katuba jiżdied ukoll it-tifqigħ tal-pjatti. Ħaġa mhix tas-soltu hi, kif f'dal-Innu ma daħħalx ukoll it-timpani li huwa ferm adattat għal xogħol bħalm' hu dan. L-istess jista' jingħad għat-trianglu, li biċ-ċenċil ħelu u rqiq tiegħu kien jagħmel sabiħ ħafna mal-ilħna smewwija tat-tfal. U għad li mhux imniżżel fl-ewwel paġna, fl-*Andante* (b. 82) insibu wkoll id-daqq pizzikat[42] tal-kuntrabaxx:

| Tabella nru 3: **Nomenklatura** | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Ottavino Mi*b* | | Allthorn (*sic.*) Si*b* | |
| Oboe | | Tromboni $1^{mo}.2^{do}.3^{zo}$ | |
| Clarino Primo Sib | | Canto Primo | |
| Clarino Secondo e $3^{zo}$ | | Canto Secondo | |
| Clarini Bassi | | Eupfonio (*sic.*) | |
| Cornette Si*b* | | Bombardone | |
| Sax Horn Mi*b* | | Contrabasso | |
| Corni Mi*b* | | Tamburro | |
| Fagotti $1^{mo}$ e $2^{do}$ | | Cassa e Piatti | |

Kif rajna diġà, fl-Innu hemm imdaħħlin żewġ pari klarinetti baxxi u fagotti li mhux soltu nsibuhom idoqqu flimkien, għax ħafna drabi jispiċċaw jagħmlu l-istess xogħol fejn jidħlu noti baxxi. Bħala strument, leħen il-fagotti hu wisq dgħajjef għal ma' kumpless bandistiku, iżda Mro. Bartoli bil-maestrija tiegħu għaraf jimpjegahom tajjeb fir-reġistru tenorili tagħhom u jħalli lill-klarinetti baxxi jaqdu l-funzjoni li twieldu għaliha. Dan iżda ma jfissirx li ma jiġux waqtiet fejn il-żewġ koppji ma jingħaqdux fid-daqq tal-istess noti, imma fejn seta' użahom b'tali mod li l-kulur tagħhom joħroġ aktar. Kif nafu, il-fagotti, bħall-obwe(jiet)[43] u l-kuntrabaxx aktar insibuhom f'xi orkestra, imma peress li hu kellu xogħol it-Teatru Rjal u spiss kien jismagħhom idoqqu, qatagħha li jdaħħalhom f'dal-Innu, forsi wkoll għax ħass li l-baxxi kellhom bżonn ta' rinforz fi żmien meta l-baned ma kellhomx l-istess formazzjoni bħalma nafuha aħna.

Niġu issa għall-partijiet tal-vuċijiet: (a) *Coro di Ragazzi* (7 folji): fiha jidher biss il-kant tal-primi, imma fil-verità l-kor ikanta b'żewġ vuċijiet. Dan nafuh mill-partitura stess f'passaġġ li fih qegħdin diviżi (b.36-52[1]). Il-parti tinħadem fuq żewġ pentagrammi, imma dik ta' taħt m'hemm xejn fiha għajr xi akkumpanjament ħafif 'l hawn u 'l hinn u b'xi battuti li jservu ta' dħul għall-kor.




(b) *Canto Basso*[44] (12-il folja): dil-parti tinkludi (i) parti sħiħa tal-Baxx minn paġna 2 sa 8. F'ras it-tieni paġna hemm imniżżel '*A Maria di Lesse*' li juri li dal-Innu kien jitkanta wkoll għal dil-festa, b'test t'awtur mhux magħruf li jibda kif ġej: *Salve, Salve, o degli angelici Spirti amabile regina!* Mit-tieni paġna sal-bidu tal-ħames waħda, il-kompożitur juża żewġ pentagrammi biex f'ta' taħt iniżżel l-akkumpanjament bħala gwida peress li fit-tieni moviment il-Baxx ikanta solo. Dil-proċedura kien ta' spiss jużaha peress li kien jaħdem bħala surmast tal-kor fit-Teatru Rjal: (ii) Insibu l-*Andante* tat-tieni moviment li fih nerġgħu niltaqgħu mas-solo tal-Baxx f'paġni 9-12. Fih ukoll insibu ġiex pentagrammi, b'ta' taħt bħala noti gwida

[42] Daqq ta' strument tal-korda bil-qris tas-swaba' minflok bl-ark.
[43] Ma nistgħux ngħidu mill-partitutra jekk kitibx għal wieħed jew par.
[44] Huwa minn dil-parti li nsiru nafu li din trid titkanta minn Baxx.

għall-kantant. F'ras paġna 9 insibu mniżżel li dil-*aria* hi ddedikata '*A Maria della Consolazione*', indikazzjoni ċara li din kienet titkanta fil-festa tal-Madonna. L-arja tiftaħ b'dal-vers: *Fu la Donna al rio Lucifero Formidabile nemica*.



(ċ) *Basso Primo* (3 folji): Minn dil-parti nsiru nafu li l-Baxxi huma wkoll diviżi anki jekk din tinkludi biss l-*Andante* għal kantat solista. Il-pentagramma ta' taħt isservi ta' gwida. Dan ikompli jikkonferma li dil-*aria* sikwit kienet titkanta bħala numru għaliha weħidha; (d) *Canto Basso No. 1* (4 folji): Hemm żewġ kopji oriġinali tal-istess parti għall-Baxx prim, bit-tieni moviment immarkat *Tacet* għax jitkanta mis-solista; (e) *Canto Basso No. 2* (4 folji): Jeżistu wkoll żewġ kopji manuskritti tagħha għall-Baxx sekond; (f) *Canto Basso* (2 folji): Parti oħra tal-*Andante* biss, aktarx adattata għal xi festa b'rabta mal-ordni tal-Franġiskani Minuri (imsejħin ukoll 'Minuriti') u bl-*aria* tibda bil-vers: *Pura, bella immacolata si chiamaro i minoriti*.

Jissokta fil-ħarġa tal-ktieb tal-festa tas-sena d-dieħla.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żrieraq Karmlitani fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata f'raħalHu, fl-okkażjoni tal-85 sena mill-mewt ta' Mro. Emmanuele Bartoli, kif wkoll fl-okkażjoni tal-20 sena tiegħi bħala surmast-direttur tal-UoM JC Orchestra A.D. 1998.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)